# 160. Lill-Banda San Gejtanu

Orpheus għadda mit-triqat tal-Greċja
idoqq daqqiet tal-għaġeb bis-suffara,
u kaxkar għal warajh tad-daqq bil-ħlewwa
il-blat u s-siġar u l-għargħar tax-xmara.

Ja Banda San Gejtanu bħal Orpheus
għaddejt timmarċja mat-triqat Maltija,
u miegħek int kaxkart, mhux blat u siġar,
'mma qlub li għandhom fihom l-armonija.

Ja Banda San Gejtanu, issokta miexja,
naddaf il-qlub bid-daqq, naqqihom sewwa
mill-korla, mill-mibgħeda u l-ebusija,
u mlihom kollha ġmiel u sliem u ħlewwa.

Issokta miexja bla ma qatt tixjieħ,
sakemm tħobb biss it-Tajjeb u s-Sabiħ!